MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 55/2009/1

**Dr. Patrick Spiteri**

**v.**

**Sylvana Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fis-16 ta' Frar 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Dicembru 1997 fir-Registru Pubbliku (**Dok. A**), minn liema zwieg twieled tifel, Sebastian li llum ghandu hdax (11)-il sena;

“2. Illi l-kontendenti llum huma separati fattwalment, u ghaddejin minn proceduri ta’ separazzjoni fil-kawza numru 261/07 pendenti quddiem l-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi;

“3. Illi fost ragunijiet ohra li ghandhom jigu trattati fil-kors ta’ din il-kawza, l-esponent irrizultalu li fil-mument li kkuntratta z-zwieg tieghu, il-konvenuta kienet u ghadha mizzewga lil haddiehor u dan kif ghandu jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. B).

“4. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

“5. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

“6. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

“<u>Raguni tat-Talba</u>

“Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skont it-termini tal-Artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f), u di piu` ghaliex l-imsemmi zwieg mhux wiehed monogamu da parti tal-konvenuta.

“<u>Talba</u>

“Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi;

"Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponent u l-konvenuta huwa null u bla effett."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi r-rikors guramentat tal-attur huwa null billi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12, ir-rikors shih ghandu jigi kkonfermat bil-gurament u mhux dik il-porzjoni illi l-attur ikun abbozza bhala "dikjarazzjoni". Din l-eccezzjoni ma hiex qeghdha titressaq minhabba semplici nuqqas ta' formalita` izda ghaliex l-attur ghamel allegazzjoni serja ta' bigami fil-porzjoni tar-rikors fejn fisser ir-raguni tat-talba tieghu u ghamel it-talba tieghu izda qaghad attent illi ma jirrepetix din l-allegazzjoni fid-dikjarazzjoni guramentata illi ghamel. Il-Ligi trid illi t-talbiet ikunu msejsa fuq ragunijiet li jigu mahlufa mill-attur ghaliex ma tridx illi jsiru kawzi sperimentali.
"2. Illi dwar il-kawzali tat-talba odjerna msemmija fid-dikjarazzjoni guramentata tal-attur (illi huma in effett regurgitazzjoni tat-test tal-Ligi) il-konvenuta tista', f'dan l-istadju u fl-assenza ta' allegazzjonijiet sostantivi min-naha tal-attur, tirrispondi biss illi z-zwieg kkontrattat mill-kontendenti huwa validu u ma tezisti ebda raguni ghalfejn skont il-ligi, dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2009, il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-30 ta' Marzu 2011, li in forza taghha laqghet it-talba attrici u ddikjarat null u bla effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Dicembru 1997, bl-ispejjez jinqasmu konguntivament u b'mod ugwali bejn il-partijiet in vista tal-punt legali involut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-3 ta’ Dicembru 1997 huwa null fil-ligi, kemm fit-termini ta’ l-artikolu 6, kif ukoll ghal ragunijiet kontemplati fil-paragrafi fuq citati ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.266.

“Minn naha taghha l-konvenut qed tikkontesta din it-talba ta’ l-attur, u qed issostni li z-zwieg taghha mieghu huwa validu fil-ligi.

“Illi l-gudizzju odjern huwa limitat ghat-tielet [3] kawzali mressqa mill-attur, bazata fuq l-artikolu 6 tal-Kap.255, li testwalment tghid li z-zwieg huwa null peress li fil-mument tal-kontrattazzjoni tieghu l-konvenuta kienet diga mizzewwga ma’ haddiehor.

**“Il-Fatti**

“Illi jirrizulta pacifiku li fis-6 ta’ Lulju <u>1984</u> l-konvenuta kienet izzewwget lil Jon Edwards, u li dan iz-zwieg jinsab debitament registrat f’ Santa Barbara Count, Californa, fl-Istati Uniti.[1]

“Illi fis-6 ta’ April <u>1989</u> il-konvenuta u dan Jon Edwards kienu pprezentaw applikazzjoni sabiex josttjenu digriet ta’ divorzju gewwa l-Istat ta’ Kalifornja, izda jidher li din l-applikazzjoni ma’ kienitx giet segwita.

“Illi fit-3 ta’ Dicembru <u>1997</u> il-partijet ikkuntrattaw iz-zwieg meritu tal-kawza odjerna;

“Illi fis-19 ta’ Dicembru <u>2002</u> il-konvenuta ottjeniet id-divorzju fl-Istati Uniti taz-zwieg taghha ma’ Joh Edwards, liema divorzju nghata “*nunc pro tunc* as of 1 ta’ Jannar 1992”[2], u dan fuq talba ta’ l-istess konvenuta peress li “Wife has re-married in 1998 and requests that the divorce be made nunc pro tunc.”

**“Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

---

[1] Fol.5
[2] Fol.118 *et seq.*

"Illi in sostanza fuq dan il-punt, l-attur isostni li z-zwieg in dizamina huwa null peress li fil-mument tal-kontrattazzjoni tieghu l-konvenuta kienet ghadha legalment mizzewwga ma' Jon Edwards.

"Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li d-digriet tad-divorzju nghata b' effett retroattiv sa' l-1 ta' Jannar 1992, u ghalhekk z-zwieg taghha ma' Jon Edwards kien meqjus bhala xjolt meta zzewwget lill-attur fit-3 ta' Dicembru 1997.

"Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-validita' taz-zwieg tal-konvenuta ma' Jon Edwards meta gie kuntrattat fis-sena 1984; kif lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li dan iz-zwieg inhall nunc pro tunc sa l-1 ta' Jannar 1992.

"Illi l-artikolu tal-ligi li fuqu timpernja l-vertenza in dizamina huwa l-artikolu 6 tal-Kap.255 li testwalment jaqra: "Zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel ikun null."

"In propozitu ghall-import ta' dan l-artikolu, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell insenjat hekk: "…. Huwa sufficjenti ghall-fini tal-projibizzjoni kontemplata fl-artikolu 6 tal-Kap.255 li min jizzewweg ikun marbut "bi zwieg iehor" irrispettivament minn dikjarazzjonijiet gudizzjarji ta' validita' o meno li jistghu jsiru wara[3] li jkun gie kuntrattat it-tieni zwieg……… Hu evidenti ghal din il-Qorti li l-legislatur Malti ghazel li fil-kamp civili l-validita' o meno tat-tieni zwieg ma tigix maghmula tiddependi fuq xi avveniment li jista' jsehh fil-futur ….. il-kapacita' tal-partijiet trid tezisti fil-mument meta jinghata l-kunsens taz-zwieg u ma tistax tigi "sanata" b' xi avveniment li jsehh wara z-zwieg. Ghaldaqstant, sakemm zwieg ma jigix annullat b' sentenza, dak iz-zwieg jibqa' jikkostitwixxi mpediment ghall-kontrattazzjoni ta' zwieg iehor."[4]

"Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta car u manifest li fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg bejn iz-zewg partijiet, il-

[3] Sottolinera Qorti ta' l-Appell
[4] App. *Edward John Fuchs vs Marianne Fuchs nee' Micallef* – 6.07.2007 pgs.16-18

konvenuta kienet ghadha marbuta bi zwieg iehor, u ghalhekk kienet inkapaci li tikkuntratta zwieg validu ma' l-attur. Dan l-istatt fattwali u legali ma jistax jigi "sanat" bid-digriet nunc pro tunc moghti mill-Qorti ta' Kalifornia fis-19 ta' Dicembru 2002, u cioe' wara hames snin wara d-data taz-zwieg bejn il-partijiet.

"Fid-dawl tal-premess il-Qorti tosserva li r-registrazzjoni o meno f' Malta tad-digriet tad-divozrju ottenut mill-konvenuta huwa rrilevanti ghall-kwistjoni.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, stante li z-zwieg bejn il-partijiet kien gie kuntrattat fi-zmien meta l-konvenuta kienet ghadha marbuta bi zwieg iehor, u ghalhekk josta ghall-validita' taz-zwieg bejn il-partijiet l-artikolu 6 tal-Kap.255."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"…tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata tat-30 ta' Marzu 2011 moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellanti u tichad it-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab illi din il-Qorti tichad it-talbiet tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha; bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fit-3 ta' Dicembru 1997, fir-Registru Pubbliku ta' Malta. L-attur qed jallega li dan iz-zwieg hu null peress illi, fost affarijiet ohra, f'dik il-

gurnata l-konvenuta kienet marbuta b’zwieg iehor. Fil-fatt jirrizulta illi fis-6 ta’ Lulju 1984, il-konvenuta kienet izzewget lil certu Jon Morris Edwards gewwa Los Angeles, California, fl-Istati Uniti tal-Amerika. Fl-1988, il-konvenuta ddecidiet li tiftah proceduri ta’ divorzju kontra zewgha biex tholl dak iz-zwieg. F’April tal-1989 ressqet id-dokumenti ghal konsiderazzjoni tal-Qorti Amerikana, pero`, ftit wara, peress li missierha kien hazin, irritornat lura Malta. Missierha miet f’Novembru tal-1989 u l-konvenuta baqghet Malta. Eventwalment iltaqghet mal-attur u zzewgitu f’Dicembru tal-1997, u dan meta kien jidher li hija kienet ghada legalment mizzewga lil Jon Edwards. Dan sehh peress illi l-konvenuta “abbandunat” il-proceduri li bdiet l-Amerika; hasbet li kollox kien terminat u li ma kellhiex ghalfejn tivverifika ulterjorment.

Wara xi zmien il-konvenuta saret taf li l-applikazzjoni taghha ghad-divorzju kienet baqghet pendenti u dan peress li hija ma kienitx segwiet it-talba taghha wara li giet Malta. It-talba giet riattivata u d-divorzju inghata fid-19 ta’ Dicembru 2002, izda b'effett mill-1 ta’ Jannar 1992, u dan wara l-konvenuta stess talbet li d-divorzju jkollu effett *nunc pro tunc* peress li kienet regghet izzewget fl-1998 (recte 1997).

L-ewwel Qorti ddikjarat iz-zwieg null ai termini tal-Artikolu 6 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta), li jqis bhala null zwieg li jsir bejn persuni li wahda minnhom “tkun marbuta bi zwieg iehor li sar qabel”.

L-ewwel Qorti strahet fuq dak li osservat din il-Qorti fil-kawza **Fuchs v. Fuchs**, deciza fis-6 ta' Lulju 2007 fis-sens li dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ zwieg li tinghata wara t-tieni zwieg ma jgibx fix-xejn il-fatt li meta sehh it-tieni zwieg parti kienet “marbuta bi zwieg iehor”. Din il-Qorti osservat illi l-kapacita` tal-partijiet trid tezisti fil-mument meta jinghata l-kunsens taz-zwieg u ma tistax tigi “sanata” b’xi avveniment li jsehh wara iz-zwieg.

Il-konvenuta resqet dan l-appell u qalet li, f’dan il-kaz, il-Qorti ta’ California kienet hi stess ddikjarat li l-effetti tad-digriet tad-divorzju kellhom ikunu retroattivi u, allura, il-

qrati Maltin kellhom jaghtu fidi lil dik is-sentenza. In vista ta' dan, tissottometti li meta hi zzewget lill-attur kienet "mahlula" miz-zwieg precedenti taghha u dan *ai termini* tas-sentenza tal-Qorti ta' California.

Il-konvenuta ma resqitx *"proof of foreign law".* Bhala principju, meta parti f'kawza trid tistrieh fuq ligi estera li tallega hi applikabbli ghal kaz taghha, hu oneru taghha li tressaq il-prova ta' dik il-ligi a sodisfazzjon tal-Qorti, altrimenti l-ligi estera titqies bhal dik Maltija. Kif inghad fil-ktieb Cheshire and North's "Private International Law" (Butterworths, 10th Edit.):

*"unless the foreign law with which a case may be connected is pleaded by the party relying thereon, then it is assumed that it is the same as English law. The onus of proving that it is different, and of proving what it is, lies upon the party who pleads the difference. If there is no such plea, or if the difference is not satisfactorily proved, the court must give a decision according to English law, even though the case may be connected solely with same foreign country".* (pag125)

Applikat dan il-principju fil-kuntest ta' Malta u fic-cirkostanza fejn ma saritx riferenza ghal u prova tal-ligi estera, il-ligi applikabbli ghandha tkun dik Maltija.

F'dan il-kaz, il-konvenuta ma ghamlitx prova formali tal-validita` u l-effetti ta' digriet *nunc pro tunc* fl-istat ta' California. Hi esebiet ittra (mhux awtentikata) ta' Avukat li jghid li jahdem fl-istat ta' California, li, pero`, ma tistax titqies bhala affidavit dwar il-ligi ta' dak l-istat. Dan l-Avukat, fil-fatt, jaghlaq l-ittra tieghu b'dawn il-kliem:

*"The nunc pro tunc decree is so well established here in California that if it becomes an issue in Malta, I can certify and prepare a legal opinion that she was validly divorced on January 1, 1992, consistent with your judicial notice procedures."*

Din il-*'legal opinion'* baqghet ma gietx ipprezentata, pero`, b'nota li resqet il-konvenuta fit-23 ta' Novembru 2010, hi

ddikjarat li skont il-ligi tal-istat ta' California, Stati Uniti ta' Amerika, l-imsemmi zwieg bejnha u Edwards "jitqies ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, bhala li gie xolt fl-imsemmija data tal-1 ta' Jannar 1992". L-attur fl-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2010, quddiem l-ewwel Qorti ddikjara li hu "jaqbel mal-fatti kif ddikjarat fin-Nota tal-konvenuta u ghalhekk jezenta lill-konvenuta milli ggib prova ulterjuri f'dan ir-rigward".

Darba, ghalhekk, hu ammess li skont il-ligi fejn il-konvenuta u Jon Edwards izzewgu, dak iz-zwieg gie xolt b'effett mill-1 ta' Jannar 1992, din il-Qorti trid tirrikonoxxi dik il-posizzjoni. Indipendentement minn x'qalet din il-Qorti fil-kaz ta' **Fuchs**, aktar qabel imsemmi, li kien jittratta fuq l-effett ta' dikjarazzjoni ta' annullament ta' zwieg, meta Qorti kompetenti estera taghti sentenza b'effett retroattiv, u dan ai termini tal-ligi ta' dak l-istat, il-qrati Maltin ma jistghux jimponu "interpretazzjoni Maltija" ghal dik is-sentenza. Mhux kontestat li l-istat ta' California kellu gurisdizzjoni jxolji zwieg li sehh fi hdanu, u jekk dak l-istat jippermetti li digriet ta' divorzju jinghata effett retroattiv, il-qrati ta' Malta jridu jaghtu fidi lil dik il-ligi u jirrikonoxxu dak li sehh per konsegwenza.

Ma giex allegat u lanqas ma jista' jinghad li l-ligi ta' California timpingi fuq l-ordni pubbliku Malti, ghax il-kuncett ta' ligi jew decizjoni b'effett retroattiv mhux aljen ghal ordinament guridiku Malti. L-attur esebixxa kopja ta' sentenza Amerikana li fiha jinghad li l-qrati ma jistghux jaghtu digriet *nunc pro tunc*. Din is-sentenza, pero`, inghatat mill-Qorti Suprema ta' Nevada, li hu stat differenti mill-California, u kwindi b'ligijiet statali li jistghu wkoll ikunu differenti. F'kull kaz, kif inghad, l-attur accetta li skont il-ligi tal-istat ta' California dan id-digriet ta' divorzju inghata effett retroattiv b'mod legali. Din id-decizjoni li tolqot l-istat ta' persuni li zzewgu f'California ghandha ghalhekk tinghata l-effett taghha hawn Malta.

Dan ifisser li bis-sahha tad-digriet tal-Qorti tal-California, il-konvenuta ma kienitx "marbuta b'zwieg iehor" meta zzewget lill-attur fit-3 ta' Dicembru 1997. Id-digriet jghid car u tond li l-partijiet *"are restored to the status of*

*unmarried persons”* u dan *“as of January 1, 1992”*, u, kwindi, il-konvenuta setghet liberament tizzewweg lill-attur fil-jum indikat.

Peress li l-attur ressaq diversi kawzali ohra ghala z-zwieg tieghu ghandu jigi dikjarat null (bazati fuq l-Artikolu 19(1)(c)(d) u (f) tal-Kap. 255 imsemmi), kawzali li ma gewx ikkunsidrati mill-ewwel Qorti fid-dawl tad-decizjoni minnha milhuqa, l-atti ghandhom jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tikkunsidra t-talba attrici a bazi ta’ dawn il-kawzali l-ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta’ Marzu 2011, u tghaddi biex tichad it-talba tal-attur bazata fuq l-allegazzjoni li fil-mument li hi kkuntrattat iz-zwieg il-konvenuta kienet marbuta b’zwieg iehor (ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kap. 255 imsemmi).

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------